# L-Iben il-Ħali

David Agius Muscat

Ilu ħafna f'raħal ċkejken
ftit 'il bogħod, qalb il-għoljiet,
kien hemm dar kbira sabiħa
– lanqas taf x'inhuwa s-skiet –

għaliex fiha kienu jgħixu
żewġ subien ftit imqarbin;
l-għaxqa l-kbira ta' missierhom
jarahom jaqbżu ferħanin.

Għadda ż-żmien, u darba waħda,
iż-żgħir fosthom, ġa żagħżugħ,
għamel ħwejġu f'sorra ċkejkna,
tefa' fiha wkoll ftit dmugħ.

Ħdejn missieru mar imbissem,
qallu: "Pa, se jkolli mmur.
Din id-dar mhijiex ħlief bejta,
jiena kbirt, jien iss'għasfur!"

"Imma jien!" u nfaqa' jibki ...
"Pa, ħallini nbus saqajk!"
"Jien inbierkek, għażiż ibni,
anzi nbierek dawk ġwenħajk

illi 'l bogħod se jeħduk minni
biex xewqatek hemm issib ...
Ftakar biss li jiena miegħek;
tkun fejn tkun, jien dejjem qrib!"

U hekk telaq lil missieru
b'passi mgħaġġla imma tqal,
u ma riedx iħares lura
f'dawk it-toroq kollha dwal ...

Hekk għaddew l-iljieli, il-ġranet,
u x-xewqat taru mat-trab,
u daż-żmien li xuxtu bjadet
m'għadux joħlom jara s-sħab

daqqa jlebbet qisu żiemel,
jew iljun li ġej għalih ...
Dak li xtaq f'uliedu sabu;
bihom biss qalbu tistrieħ!

Sakemm darba filgħaxija
f'dawl il-kwiekeb u oħrajn,
iben minnhom qallu mbikkem:
"Pa, berikli dal-ġwenħajn!"